

Il-Ħamis 15 ta' Jannar 2015

P8_TA(2015)0013

Il-każ taż-żewġ 'Marò' Taljani

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2015 dwar il-każ taż-żewġ 'Marò' Taljani (2015/2512(RSP))

(2016/C 300/08)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u l-Protokoll ta' tagħha,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,
 - wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, b'mod partikolari l-Artikoli 9, 10 u 14 tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Viċi-President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà fil-każ taż-żewġ morini (*Marò*) Taljani Massimiliano La Torre u Salvatore Girone,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-piraterija marittima ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-6 ta' Jannar 2015 mill-kelliem tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti Ban Ki-Moon, li fiha jistieden liż-żewġ pajjiżi – l-Italja u l-Indja – biex jipprovaw jilħqu soluzzjoni raġonevoli u aċċettabbli reċiprokament,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi matul il-lejl tal-15 ta' Frar 2012 il-bastiment kummerċjali Taljan *Enrica Lexie*, fir-rotta minn Singapor għal Ġibuti, iltaqa' mal-lanċa tas-sajd *St Anthony* 'l barra mill-kosta tal-Kerala, fl-Indja;
- B. billi sitt morini (*Marò*) Taljani kienu abbord l-*Enrica Lexie* biex jipproteġu l-bastiment minn attakki potenzjali minn pirati; billi, fil-biża' ta' attakk minn pirati, ġew sparati tiri ta' twissija lejn il-lanċa li kienet qiegħda toqrob u żewġ sajjieda Indjani, Valentine magħruf ukoll bħala Jelastine u Ajeesh Pink, sfaw traġikament maqtula;
- C. billi, fid-19 ta' Frar 2012 membri tal-forza tal-Pulizija Indjana mbarkaw il-bastiment, ikkonfiskaw l-armi tal-morini u arrestaw lit-tnejn li kienu ġew identifikati bħala daww responsabbli għall-ftuħ tan-nar fuq il-lanċa tas-sajd;
- D. billi dawn l-avvenimenti kkaġunaw tensjonijiet diplomatiċi, minħabba l-inċertezza ġuridika li tikkaratterizza l-każ taż-żewġ morini Taljani; billi, minkejja li għaddew tliet snin, il-kapi ta' akkuża għadhom ma tressqux mill-awtoritajiet Indjani;

⁽¹⁾ ĠU C 261 E, 10.9.2013, p. 34.

Il-Ħamis 15 ta' Jannar 2015

- E. billi wieħed mis-soldati, Massimiliano Latorre, ħalla l-Indja sabiex jgħaddi erba' xhur id-dar wara li sofrat iskemija ċerebrali u għadu jeħtieġ kura medika, u billi s-Sur Girone għadu fl-Ambaxxata Taljana fl-Indja;
- F. billi, waqt li ż-żewġ partijiet qed jinvokaw id-dritt internazzjonali, l-Italja tafferma li l-inċident seħħ fibhra internazzjonali u li l-morini għandhom ikunu proċessati fl-Italja jew f'qorti internazzjonali; billi, madankollu, l-Indja ssostni li tista' tipproċessa lill-morini minħabba li l-inċident seħħ fibhra kostali taħt ġurisdizzjoni Indjana;
- G. billi fil-15 ta' Ottubru 2014 ir-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ta' dak iż-żmien, Catherine Ashton, għamlet sqarrija dwar l-aġir tal-awtoritajiet Indjani, u inkoraġġiet lill-gvern biex isib soluzzjoni rapida u sodisfaċenti f'konformità mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Liġi tal-Baħar u mad-dritt internazzjonali;
- H. billi fis-16 ta' Diċembru 2014 ir-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ġdida, Federica Mogherini, esprimiet id-diżappunt tagħha għan-nuqqas ta' klemenza murija fir-rispons għat-talba ta' Massimiliano Latorre għal estensjoni tas-soġġorn tiegħu fl-Italja għal trattament mediku;
- I. billi fl-14 ta' Jannar 2015 il-Qorti Suprema tal-Indja tat estensjoni biex tippermetti lis-surġent Latorre jqatta' iżjed ħin fl-Italja għal skopijiet mediċi;
- J. billi ż-żewġ *Marò* huma ċittadini Ewropej, u billi fil-15 ta' Frar 2012 huma kienu abbord bastiment kummerċjali Taljan, fir-rotta l-barra mill-kosta tal-Istat tal-Kerala u kienu qed iwettqu l-funzjonijiet tagħhom bħala parti minn attivitajiet internazzjonali kontra l-piraterija, li l-UE hija impenjata favurijom bil-qawwa;
1. Jesprimi niket kbir għat-telfa traġika taż-żewġ sajjeda Indjani u jesprimi l-kondoljanzi tiegħu;
 2. Jenfasizza li l-konsegwenzi tal-ġrajja tal-15 ta' Frar 2012 madankollu għandhom jiġu trattati strettament fl-istat tad-dritt, b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet legali ta' dawk allegatament involuti;
 3. Jesprimi tħassib qawwi dwar id-detenzjoni tal-morini Taljani mingħajr kapi ta' akkuża; jenfasizza li l-morini għandhom jiġu ripatrijati; jenfasizza li dewmien konsiderevoli u restrizzjonijiet tal-libertà tal-moviment tal-morini huma inaċċettabbli u jirrappreżentaw ksor serju tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom;
 4. Jiddispijaċih bil-mod li bih il-kwistjoni ġiet immexxija u jostni l-isforzi tal-partijiet involuti kollha biex jaħdmu urġentement favur soluzzjoni raġonevoli u reċiprokament aċċettabbli fl-interess tal-familji kollha – Indjani u Taljani – kif ukoll taż-żewġ pajjiżi;
 5. Jittama, fid-dawl tal-pożizzjonijiet meħuda mill-Italja, bħala Stat Membru, rigward il-ġrajjet relatati mal-inċident, li l-ġurisdizzjoni tingħata lill-awtoritajiet Taljani u/jew lill-arbitraġġ internazzjonali;
 6. Jinkoraġġixxi lir-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex tiegħu kull azzjoni neċessarja sabiex tipproteġi ż-żewġ morini Taljani bil-għan li tintlaħaq riżoluzzjoni rapida u sodisfaċenti tal-każ;

Il-Ħamis 15 ta' Jannar 2015

7. Ifakkar lill-Kummissjoni fl-importanza li tenfasizza s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-qafas tar-relazzjonijiet mal-Indja u għaldaqstant li tikkunsidra miżuri ulterjuri biex tiffaċilita risoluzzjoni pożittiva tal-każ;
 8. Ifakkar li d-drittijiet u s-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE f'pajjiżi terzi għandhom ikunu salvagwardati mir-rappreżentanza diplomatika tal-UE, li għandha taħdem b'mod attiv favur id-difiża tad-drittijiet tal-bniedem taċ-ċittadini tal-UE detenuti f'pajjiżi terzi;
 9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Istati Membri tal-UE, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, u lill-President u l-Gvern tal-Indja.
-